# Foresti-Xita

VICTOR FENECH

*Donor Scheme?* Agħtuni l-formula ħa nimlieha. Agħtuni t-tessera; fil-kartiera npoġġiha.

Hieni nħossni li ma' mewti jista' jgawdi ħolqien ieħor tingħatalu ħajja ġdida. Imma x'se nħalli lill-foresti-xita ta' l-Amażonja? Jewwilla mhumiex fil-bżonn bħal ħuti l-għomja?

Kif nista' naċċerta li l-orkidi u l-mossi u l-bromlijadi u l-mirjadi pjanti ta' l-arja jibqgħu jxettlu fis-sliem fil-ħelsien bħal m'għamlu tul sekli minn sbieħ il-ħolqien?

Kif nista' niżgura l-valzer kuluri ta' xtieli u fjuri, it-timbri jvarjaw t'eluf vuċijiet, il-ħsejjes misteru, is-skiet omniveru, il-leħen stramb- ħelu ta' xadini u żrinġijiet?

Kif nista' qatt nemmen li t-tliet mitt miljun speċi ta' insett se jkomplu jkattru mhux mittiefsa f'dan l-ambjent paċi perfett?

Jingħad madwar għoxrin fil-mija ta' pjanti/tjur dinjija jgħammru f'dal-foresti tropikali. U l-bniedem – ir-re tal-ħolqien kif dejjem kien – kuljum jgħarbel-jiġri-jħuf, siġar jisserra/sigħan jillivella bl-eluf, jibni-jimpala-jistagħna . . . u x'jimporta l-bidliet radikali fl-ambjent naturali? Evviva l-art tagħna!